MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru. 1193/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Borg]**

**vs**

**Graziella Said**

**Kumpilazzjoni Numru: 1193/2008**

**Illum 20 ta' Lulju 2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Graziella Said, ta' 30 sena, bint Grazio Tabone u Rita nee' Buttigieg, imwielda il-Pieta', nhar it-3 ta' Dicembru, 1978 u li toqghod Flat Nru 1 'High Hopes', Triq San Tumas, Fgura, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 584278M.

1 Talli nhar il-15 ta' Jannar, 2008, ghal habta tal-10:00 ta' filghodu, filwaqt li kienet gewwa l-hanut tas-'Samsung Customers Care', fi Triq Haz-Zabbar, gewwa l-Fgura, ikkawzat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Carmela sive Charleen Chetcuti Castagna, liema ferita ggib mankament jew sfregju f' wicc il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr Alessandra Baldacchino MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

2 Akkuzata ukoll talli fil-15 ta' Jannar, 2008, ghal habta tal-10:00 ta' filghodu, filwaqt li kienet gewwa l-hanut tas-'Samsung Customer Care', fi Triq Haz-Zabbar, gewwa l-Fgura gabet ruhha b' tali mod li kkagunat lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hi kienet taf li b' tali mgieba taghha, ser tikkaguna lil haddiehor biza'.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
a) 214 u 218(a);
b) 251A, 251B u 251C;
c) 339(d);
d) 382A, 383, 384, 386 u 412C;
e) 17, 23, 31, u 533.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta incident li sehh nhar il-15 ta’ Jannar 2008 fil-hanut maghruf  bhala Samsung Customer Care fi Triq Haz-Zabbar Fgura.

Illi dak in-nhar l-imputata marret f’dan il-hanut biex tigbor mobile phone li kienet halliet ghat-tisswija xi zmien qabel. Irrizulta li dan il-mobile kellu xi bicca mil-cover nieqsa u nqala disgwid bejn il-persuna li kienet qed taqdi lill-imputata (certu Mark Pellicano) u l-istess imputata ghaliex din pretendiet li kellha tiehu l-mobile u meta tasal il-bicca in-nieqsa thallas, fil-waqt li l-impjegat pretenda li hija jew thallas il-kont f’l-intier tieghu u tiehu l-mobile, jew thalli l-mobile hemm u meta tasal il-bicca n-nieqsa, wara li thallas, tiehu l-mobile. Minhabba dan id-disgwid issejjhet Charlene Chetcuti mill-back office. Il-kwistjoni ma gietx rizolta fis-sens li l-imputata baqghat tinsisti li ghandha tiehu l-mobile minghajr ma thallas xejn fil-waqt li Chetcuti baqghet tinsiti li biex tiehu l-mobile l-imputat kellha thallas almenu nofs il-kont.

Illi gara li l-imputata minghajr ma hallset qabdet il-mobile u telqet ‘l barra mill-hanut pero rritornat kwazi immedjatament ghaliex kienet halliet xi bicca mill-mobile warajha. Meta Chetcuti rrealizzat ghaliex kienet giet lura l-imputata, qabdet din il-bicca plastic minn fuq il-bank u zammietha f’idejha. Kompla l-argument verbali bejn iz-zewg partijiet.

Illi sa dan l-istadju hemm qbiel fir-rakkont tal-fatti; il-kuntrast fil-verzjonijiet jibda minn hawn. Il-parte leza tghid li f’daqqa wahda l-imputata qabdet pakkett li kien fuq il-bank u, skond l-istess Chetcuti, la taf jekk l-imputata taghthiex daqqa bih jew waddbietu lejha pero li hu zgur li ntlaqtghet b’dan il-pakkett u mad-daqqa waqghat ma’l-art. Chetcuti tghid li bhala rizultat tad-daqqa bil-pakkett hija garrbet ferieta fuq mohhha fil-waqt li bhala rizultat tal-waqa’ ma’l-art hija soffriet xi griehi f’halqa u snienha. F’dak l-istadju l-imputata regghet telqet ‘l barra mill-hanut, u dan ezatti x’hin kienu qed jaslu xi salesmen li ndunaw x’kien gara, ghalhekk wiehed minnhom rega’ dahhal lill-imputata fil-hanut biex jivverifika li kellhom id-dettalji taghha. Meta ivverifika halla lill-imputata titlaq.

Illi l-imputata min-naha taghha tghid li meta regghet dahlet fil-hanut Chetcuti kellmietha hazin ghalhekk hi, cioe l-imputata, qabdet u tajjret l-affarijiet li kien hemm fuq il-bank, inkluz karti, pakketti u kaxxi u harget mill-hanut. Hekk kif kienet hierga harset u rat lil Chetcuti gejja ghalija u semghet lil Mark Pellicano jghid “ara taqa” u rat lil Chetcuti nofsha ma’l-art. L-imputata harget mill-hanut pero gie ragel li hadha lura fil-hanut ghal ftit.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali huma li kkawzat offieza ta’ natura gravvissima fuq il-persuna ta’ Charlene Chetcuti, li tat fastidju lil Chetcuti u li kkagunat lill-imsemmija Charlene Chetcuti bizgha li ser tintuza vjolenza kontra taghha u li hebbet ghal Chetcuti.

Illi ghandu jigi rilevat li ghalkemm hemm kunflitt f’dik il-parti l-aktar krucjali tar-rakkont bejn il-verzjonijiet mghotija mill-imputata u l-parte leza dan il-kunflitt mhux necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni ta’l-imputata diment li l-Qorti tkun tista’ taghti kredibilita lil xi wahda mill-verzjonijiet u din flimkien mal-provi kollha l-ohra kollha jwasslu ghall-konvinzjoni ‘l hemm minn dubbju dettat mir-raguni tar-reita ta’l-imputata.

Illi f’dawn il-proceduri xehdu persuni ohra minbarra l-parte leza u l-imputata; fil-fatt kien hemm zewg xhieda okkuklari li kienu fil-hanut waqt li sehh l-incident: Mark Pellicano u Carmen Spiteri. Mark Pellicano kien car hafna u qal li huwa ra lill-imputat taqbad dan il-pakkett u taghti daqqa lil Chetcuti bih. Spiteri ukoll tghid li hija rat lill-persuna li kienet fil-hanut (hi ma kenitx taf min hi, ratha dik id-darba biss u ma kenitx f’pozizzjoni tidentifikha waqt l-udjenza) twaddad xi haga u din il-haga laqtghet lil Chetcuti. Spiteri in kontroezami espriemiet dubbji jekk l-imputata qabdietx l-pakkett u tat bih jew tajritux u ghalhekk laqghat lil Chetcuti pero Spiteri ikkonfermat li dan il-pakkett laqghat lil Chetcuti u wara li laqghatha Chetcuti waqat ma’l-art.

Illi l-imputata da parti taghha fil-waqt li tghid li hija tajjret l-affarijiet li kien hemm fuq il-bank, qed tallega li Chetcuti ma nlaqtietx mill-pakkett imma waqghet meta marret tigri warajha u kien bhala rizultat tal-waqa li hija wegghet.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li tassumi certu relevanza t-testimonjanza tat-tabiba li nvistat lil Chetcuti. Din ikkonfermat li Chetcuti kellha griehi mhux biss f'mohhha imma anke f'xuffitha u snienha; hi qalet ukoll li minhabba l-pozizzjoni ta' dawn il-griehi bil-fors kien hemm zewg daqqiet. Dan fil-fatt jaghti kredibilita lil Chetcuti meta tghid li l-ewwel qalet id-daqqa bil-pakkett imbaghad waqghet ma'l-art u konsegwentement hadet it-tieni daqqa ma'l-art. Fatt del resto li huwa korroborat ukoll mit-testimonjanza ta' Pellicano u Spiteri li t-tnejn jghidu li raw lil Chetcuti tintlaqghat mill-pakkett. Tenut kont ta' dan il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Chetcuti intlaqtghet mill-pakkett.

Illi tenut kont li jirrizulta ampjament li Chetcuti intlaqtghet mill-pakkett, l-Qorti difficilment taccetta bhala verosimili l-verzjoni ta'l-imputata li tghid li hija sempliciment tajjret l-affarijiet kollha li kien hemm fuq il-bank b'idejha (movement li jista jigi deskritt *with a sweep of her hand*) u li dawn l-oggetti kollha waqghu ma'l-art hlif ghal wiehed minnhom ( cioe l-pakkett in ezami) li ghola 'l fuq u laqghat lil Chetcuti f'wiccha.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qori hija sodisfatta li l-fatti sehhew kif spjegat l-parte leza u li konsegwentement l-imputat b'l-agir taghha ikkawzat griehi fuq il-persuna ta' Charlene Chetcuti.

Illi pero minn dak li jirrizulta mic-certifikat mediku u mid-depozizzjoni ta' Dr Alexandra Baldacchino l-gravita tal-griehi sofferti minn Chetcuti tirrizulta mil-fatt li dawn il-griehi gabu sfregju f'wiccha; sfregju li del resto gie konstatat *de viso* mill-Qorti. Min-naha l-ohra ai termini tal-paragrafu "a" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali dan indika li tista tinsab htija taht dak li hemm mahsub f'l-artikolu 218(a) --- prezumibbilment 218(1)(a). Dan l-artikolu [218(1)(a)] jikkontempla l-ipotezi ta' meta l-

offieza tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh. Il-griehi sofferti minn Chetcuti pero ma jinkwadrawx ruhhom f’dak predispost f’dan is-subartikolu imma f’subartikolu iehor li ma giex kwotat fin-nota ta’ l-Avukat Generali.

Illi huwa principju ben stabbilit fis-sistma guridika taghna li din il-Qorti tista’ tippronunzja ruhha biss fuq dawk l-artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju u tista tipprocedi biex issieb htija fuq reat kontemplat f’artikolu differenti minn dak kwotat jekk ir-reat li jirrizulta mill-provi jkun reat minuri kompriez f’dak kontemplat mill-artikolu kwotat. Dan mhux il-kaz in ezami. Konsegwentement il-Qorti ma tistax issib lill-imputata hatja tar-reat kontemplat f’l-artikolu 218(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ai termini tal-paragrafu “c” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju hemm referenza ukoll ghall-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9. Anke jekk il-Qorti kellha tipprezumi li din kienet referenza ghall-artikolu 339(1)(d) ir-reat hemm kontemplat huwa wiehed ta’ natura kontravvenzjonali u konsegwentement preskrivibbli bid-dekors ta’ tlett xhur.

Illi l-incident sehh fil-15 ta’ Jannar 2008 u l-kawza giet prezentata fir-registru ta’ din il-Qorti fid-9 ta’ Dicembru 2008 u cioe ferm wara d-dekors tat-tlett xhur; konsegwentement l-azzjoni in kwantu tirreferi ghal din l-imputazzjoni hija preskritta.

Illi ai terminu tal-paragrafu “b” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali hemm migjuba kontra l-imputata zewg imputazzjonijiet ohra u cioe dawk ta’ fastidju, u ta’ agir li jikkaguna biza’ li ser tintuza vjolenza, ai termini ta’l-artikoli 251A u 251B tal-Kapitolu 9 u dan dejjem b’referenza ghall-incident li sehh fil-15 ta’ Jannar 2008.

Illi huwa ormai stabbilit mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali li biex jissussistu dawn ir-reati trid tingieb il-prova tal-

pluralita ta’ l-azzjoni fis-sens li jrid jigi pruvat system of conduct u mhux episodju wiehed biss. Din il-prova hija nieqsa fil-proceduri odjerni; konsegwentement dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------